MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 3/2007

**Marco Farrugia.**

**vs.**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 2 ta' Lulju 2007 a fol. 2 tal-process fejn esponiet:-

1. Illi permezz ta' l-applikazzjoni numru PA 2125/06 Marco Farrugia applika biex fuq is-sit Sacro Cuor fi Triq Danny Cremona, Hamrun, jaghmel is-segwenti: *"demolition of existing bulding and re-construction of basement garage, ground floor office/garage, 2 flats at 1$^{st}$*

*floor, second floor and third floor and comstruction of penthouse".*

2. Illi din l-applikazzjoni giet rifjutata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp ghar-ragunijiet indikati a fol. 1 tad-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar, mil-liema decizjoni qieghed isir l-appell odjern, u kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa.

3. Illi l-applikant interpona appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u talab li l-permess mitlub minnu ghandu jinhareg.

4. Illi l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fir-risposta taghha qudiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, talbet li d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp ghandha tigi konfermata, u li l-appell ghandu jigi michud.

5. Illi permezz ta' decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fil-hmistax (15) ta' Gunju 2007 (PAB 272/06 ISB) l-istess Bord iddecieda billi laqa' l-appell interpost mill-appellant u ordna lill-istess appellant jinhariglu l-permess mitlub minnu.

Illi l-esponent ihoss ruhu aggravat minn din d-decizjoni u ghaldaqstant qieghed jinterponi dan l-Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti:

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi bir-rispett kollu, fl-umli opinjoni tal-esponenti l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar m'ghandux is-setgha li jiddeciedi li jiddipartixxi mill-provedimenti tat-*Temporary Provisons Schemes* u tal-Pjan ta' Struttura u ISSA anke l-provedimenti tal-Pjan Lokali ghaz-zona fejn jinsab is-sit in kwistjoni. Fil-fatt bid-decizjoni tieghu l-Bord kien qieghed jagixxi *ultra vires stante* li l-**Att dwar l-Izvilupp tal-Ippjanar** (il-Ligi) li jikkonferixxi s-setgha lill-Bord sabiex jisma' u jiddetermina appelli minn decizjonijiet tal-Awtorita`, fl-**artikolu 15 (12)** jaghmilha cara illi:-

*"...the Board* ***shall*** *ensure that it complies with the provisions of sub articles (1) and (2) of article 33 in reviewing decisions of the Authority".*

Illi l-**Artikolu 33 (1)** jistipula illi:

*"In its determination upon an application the Authority* (u b' applikazzjoni tal-**artikolu 15( 12)** hawn fuq citat, anki l-Bord), ***shall:***

(a) apply the following -

i. development plans…..,
ii. planning policies"

Illi *development plans, a tenur* tal-**artikolu 2 tal-Ligi**, jinkludu *structure plan, subject plans, local plans action plans and development briefs.*

Ghaldaqstant, l-applikazzjoni kongunta ta' dawn id-dispozizzjonijiet timponi obbligu fuq il-Bord – fil-fatt fiz-zewg dispozizzjonijiet tintuza l-kelma ***"shall"*** – illi japplika l-provedimenti tal-Pjan ta' Struttura u tat-*Temporary Provision Schemes* u TAL-PJAN LOKALI ghaz-zona fejn ikun sitwat l-izvilupp propost b'mod mandatorju.

Illi fil-fatt, l-Awtorita` appellanta applikat il-provedimenti tal-istess pjani u skemi kif ukoll tal-*policies* tad-*DC Guidelines* 2005 fir-rifjut taghha ghall-applikazzjoni, u dan kif jirrizulta ampjament mir-ragunijiet moghtija mill-istess Awtortia` fid-decizjoni taghha ghar-rifjut tal-applikazzjoni.

Illi fil-kaz odjern il-Bord wasal ghad-decizjoni tieghu li jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp limitatament minhabba valutazzjoni maghmula mill-istess Bord illi jidher li kien hemm xi forma ta' *commitment* fuq is-sit *de quo*, li wassal lill-istess Bord biex japprova l-permess li tinkludi l-*penthouse.*

Illi jinghad bir-rispett illi issa li nhargu l-Pjani Lokali, u ghaldaqstant sew l-gholi kif ukoll l-uzu u materji

fundamentali ohra rigwardanti sit issa huma ben stabbiliti fil-Pjan Lokali, il-principju tal-*commitment* m'ghadux applikabbli, *stante* illi jekk jigi applikat tali principju, il-provedimenti tal-istess Pjan Lokali jigu stultifikati.

Jinghad ukoll illi fejn il-principju tal-*commitment* kellu u ghandu jigi applikat issa huwa ben stabbilit f'certu *policies* tal-istess Pjani Lokali, u ghaldaqstant dan il-principju ghandu jibqa' japplika biss u unikament f'dawk il-kazijiet stipulati fil-Pjan Lokali.

Li kieku l-Bord applika l-provedimenti tal-Pjan ta' Struttura u tal-Pjani Lokali kif ukoll ta' *policies* ohra vigenti, ghal dik iz-zona, liema provedimetni l-Bord kien konxju li kellu japplika, kien ikun car illi l-izvilupp propost qatt ma seta' jigi approvat.

Illi dawn il-punti diga' gew ikkunsidrati u decizi minn din l-Onorabbli Qorti fl-appell fl-ismijiet:

- Alexander Agius vs DCC (Rikors numru 2/03 RCP- deciz fit-13 ta' Ottubru 2003; u
- Vane den Bossche vs DCC et (Rikors numru 44/02RCP) deciz fis-26 ta' Frar 2004.

Ghaldaqstant id-decizjoni tal-Bord hija *ultra vires* is-setghat moghtija lilu mill-Att li jwaqqaf l-istess Bord *stante* lill-Bord ma applikax il-provedimenti tal-Pjan ta' Struttura u tat-Temporary Provision Schemes skont kif titlob l-istess ligi.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-esponenti bir-rispett kollu titlob li din l-Onorabbli Qorti ghadha thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanr hmistax (15) ta' Gunju 2007 fl-ismjiet premessi, u tikkonferma r-rifjut moghti mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 6 tal-process;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 11 ta' Lulju 2007 a fol. 13 tal-process, fejn

permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Marco Farrugia vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' Marco Farrugia datata 17 ta' Lulju 2007 a fol. 14 tal-process fejn espona bir-rispett:-

Illi l-esponent umilment jisottometti illi l-appell odjern maghmul mill-Awtorita` Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar huwa frivolu u vessatorju u inammissibbli ghaliex imur kontra d-**disposizzjoni tal-Ligi tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta Artikolu 15 (2)** fejn espressament jinghad illi jista' jsir biss appell mid-Decizjoni l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar **biss**, fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu.

Illi umilment jinghad illi r-ragunijet tal-appell odjern certament mhumiex ibbazati fuq punti ta' ligi u wisq anqas fuq dak li ddecieda l-istess Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar kif ser jigi sottomess f'aktar dettal;

1. Storja tal-Applikazzjoni.

Illi jigi sottomess illi l-applikazzjoni PA 2125/06 kienet giet irrifjutata meta l-applikant kien applika ghall- *"Demolition of existing Building and re construction of basement garage, ground floor office/garage, 2 flats at 1st floor, second floor and third floor and construction of penthouse".*

Illi rrifjut kien ibbazat fuq il-kriterju tal-*height limitation* u sussegwentement l-applikant kien ipprezenta modifiki u emendi li gew sottomessi lill-Awtorita` rigward applikazzjoni precedenti u senjatament skont PA 3726/05, PAB 345/05RR. Fil-fatt l-applikazzjoni approvata precedenti (PA 3726/05) kienet diga` tinkludi l-gholi taz-zvilupp daqs kemm hu mitlub fl-applikazzjoni odjerna PA 2125/06 in desamina.

Illi l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ikkonstata f'pagna ikkonstata f'pagna 2 tad-decizjoni tieghu (PA 2125/06 PAB 272/06), illi l-permess PA 3726/05 huwa permess

approvat mill-istess Awtorita` u Bord tal-Appell u li ppermetta *stairwell, lift-room and 5 washrooms on the roof.* Dan il-permess inhareg fl-10 ta' Marzu 2006. Illi dan huwa fattur determinanti sabiex din l-Onorabbli Qorti tapprezza illi l-Awtorita` tinstab tagixxi *ultra vires* u tappella essenzjalment fuq materja li kienet giet deciza u tixbah aktar appell tardivament ipprezentat, izda qed tmur kontra dak li hija stess appruvat permess ta' PA 3736/05. Illi l-esponenti jinstab jipprezenta kopja tad-decizjoni u approvazzjoni tal-permess 3726/05 li telenka r-ragunijiet ghall-approvazzjoni tal-permess fosthom il-kunsiderazzjoni tal-*commitment* tas-sit. Proprju dan il-punt huwa l-mertu tal-appell odjern. Illi bir-rispett dak inhar l-Awtorita` ma hasset illi kellha tintavola ebda appell quddiem din l-Onorabbli Qorti u llum tinsab tipprezenta Appell insostenibbli ghaliex jitratta materja li ilha li giet deciza 'l fuq minn sena u nofs ilu.

Illi dan l-appell ghandu certament jigi respint ghaliex l-aggravji huma bbazati fuq kostatazzjonijiet bhal dak tal-*commitment* li bir-rispett il-Bord tal-appell ma kellu ebda kompitu jew dmir li jidhol fih ghaliex kienet proprju l-istess Awtorita` u Bord tal-Appell li approvat l-applikazzjoni PA 3726/05 li fiha l-esponent inghata l-permess jibni fl-gholi prezenti tal-blokka, liema gholi mhux ser jizdied jew jinbidel bl-approvazzjoni tal-permess kif moghti mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar.

**Illi l-Appell ma jaghmel ebda referenza ghall-permess approvat PA3726/05 haga ferm skorretta u tista' titqies biss tentattiv li jisgwida l-Qorti fl-apprezzament tal-provi reali tal-kaz. Kif jistghu l-appellanti jappellaw minn decizjoni tal-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar meta ghazlu li jintavolaw appell li jipprezenta parti biss tal-fatti, meta proprju l-Bord ddecieda a bazi ta' dak li kien diga` gie deciz f'istanza ohra. Illi ghalhekk l-esponent jinstab jipprezenta <u>Dokument "MF 1"</u> is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2006 li approvat il-permess PA 3726/05 li approva l-istrutturi kollha tas-sit prezenti nkluz l-gholi tal-binja. Illi l-appell prezenti huwa *biss change of use* tal-permess approvat.**

Illi ghalhekk ma jkunx gust ghal din l-Onorabbli Qorti li ma tkunx mgharrfa bil-mod ta' kif sehhew l-eventi reali ta' din l-applikazzjoni. Illi umilment jintalab li dan l-appell ghandu jigi respint ghaliex mhux biss ma jitrattax punt ta' dritt izda fir-realta` huwa appell dwar *commitment* u *height limitation* ben tardiva, tardiva b'diversi xhur. Hija wkoll kontradizzjoni li inti tappella fuq applikazzjoni li inti stess approvajt. Illi jinghad ukoll illi wara l-approvazzjoni tal-permess PA 3726/05 gew approvati *minor amendments* fuq is-sit li jgibu d-data tal-10 ta' Novembru 2006, notifikati lill-appellat b'ittra tal-Awtorita` datata 18 ta' Novembru 2006, li jkompli jsahhah it-test illi l-istess Awtorita` appellanti baqghet taccetta l-izvilupp tas-sit. Wiehed jissottometti illi in effetti l-Awtorita` qed tagixxi b'mod inspjegabilment skorrett u ingustifikat ghaliex qed tinsisti illi, issa li nhareg il-Pjan Lokali ma ghandux japplika l-principju tal-*commitment.* Bir-rispett l-approvazzjoni tal-permess li awtorizza l-gholi prezetni tal-binja li mhux ser jinbidel bl-approvazzjoni tal-permess mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kien approvat qabel ma nhareg il-Pjan Lokali u ghalhekk huwa inaccettabbli li fl-appell odjern jissemma' l-Pjan Lokali meta l-gholi ilu li gie deciz mill-istess Awtorita` innifisha bl-approvazzjoni tal-permess PA 3726/05. Illi l-Awtorita` ghazlet li ma ssemmi mkien fl-appell taghha l-permess approvat minnha stess u cioe` PA 3726/06 u dan huwa aggravju ghaliex facilment jista' jizvija lil din l-Onorabbli Qorti.

Illi kieku ma hemmx dan il-permess approvat l-Awtorita` setghet tittenta tikkontendi kif tinsab tikkotendi dan l-appell izda, li ma ssemmi xejn dwar il-fatt illi l-gholi tal-binja kien gie approvat u tintavola Appell kontra decizjoni tal-Bord tal-Appell ghaliex ma applikax il-*Policies* vigenti huwa inaccettabbli. Il-Bord tal-Appell fid-Decide tieghu pagna 6 in effetti jibda l-kunsiderazzjoni tieghu proprju billi jghid:

*"Illi fil-kaz in ezami l-appellant qed jitlob illi jinghata permess ghall-bini ta' penthouse fuq ir-raba' sular,* ***liema sular kien inghata permess ghalih precedentement,*** *anke jekk il-heights limitation hija ta' 3 floors.* ***<u>Pero` dak huwa issa kaz maghluq u deciz illi dan il-Bord mhux ser jerga' jissindika.</u>"***

Illi aktar car minn hekk ma jistax jingahd u din l-Onorabbli Qorti sejra certament tapprezza illi l-appell odjern huwa rritu u null ghaliex mhux biss ma jikkomprendix punt ta' dritt izda punt (*commitment/height limitation)* li diga` gie deciz u addirittura approvat mill-istess Awtorita` appellanti.

Ma seta' qatt gie intavolat dan l-appell ghaliex l-approvazzjoni tal-gholi tal-binja kien approvat mill-istess Awtorita` u l-Bord ma setax jidhol fil-mertu tal-gholi u l-principju tal-*commitment* ssollevati llum mill-Awtorita`, meta l-kompitu tieghu kien biss li jiddeciedi dwar *ic-change of use,* ghalhekk kien assolutament korrett japprova tali applikazzjoni u precizament jiddeciedi billi jghid:-

*"**Billi l-proposta ma titlobx aktar zvilupp materjali minn dak gia` approvat, il-Bord hu propens illi jhares lejn l-applikazzjoni favorevolment**"*

2. Nullita` tal-Appell.

Illi kif premess ghalhekk l-Awtorita` ma kellhiex dritt illi tappella ghaliex il-Bord ma ddecieda fuq ebda *policy* jew punt ta' dritt kif jinsab jingahd, izda l-Awtorita` tinsab tipprezenta appell meta taf ben tajjeb li ma jistax jigi akkolt fuq il-premessi illi gew decizi b'mod konkluziv xhur ilu. Issa illi l-Pjan Lokali hareg ma jaghtix lok illi kull applikazzjoni approvata tista' tigi revokata jew appellata. Kif gie diga` sottomess dan jaghti sembjanza ta' appell tardiv, appell minn decizjoni u approvazzjoni li kienet approvata mill-istess Awtorita`.

Ikun fattur ferm preokkupanti illi l-Awtorita` issa li hareg il-Pjan Regolatur tezercita d-dritt illi t'appella fuq punti ta' dritt li nbidlu u wisq anqas tappella fuq materja li approvat hija stess.

Il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar ma ghamel xejn aktar milli approva *change of use* dak diga` approvat. Ma kien hemm ebda principju tal-*commitement* u wisq anqas applikazzjoni ta*' policies* tal-Pjan Lokali. Il-Bord

korrettement approvat l-permess ghall-*change of use* ghaliex kienet teknikalita` tal-uzu li hija ghandha l-poter moghti mil-Ligi biex tiddeciedi dwaru. Ma estendiet ebda *hieght limitation* jew approvat strutturi addizzjonali ghaliex dak kien diga` gie approvat mill-istess Awtorita` u jsegwi li l-Bord ma bbazatx id-*decide* tieghu fuq ebda *policy* jew skema, u jsegwi ghalhekk illi l-appell qatt ma seta' gie intavolat ghaliex ma hemm ebda punt ta' dritt fih.

Illi l-**artikolu 15 (1) (b)** jaghti l-poter lill-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar ***"jezercita" dawk il-funzjonijiet moghtija lilu,*** illi certament jikkomprendu approvazjoni ta' *change of use* ghall-zvilupp illi diga` approvat fl-*intier* tieghu inkluz l-gholi u strutturi mill-istess awtorita`.

Illi sahansitra l-**artikolu 27(2)(j)** tal-Att jaghti l-poter u jinferixxi l-kompitu li l-Bord tal-Appell jiddeciedi meta jinqala' dubju dwar il-proceduri u applikazzjoni tal-pjan ta' struttura.

Ghalhekk ukoll l-appell ghandu jigi respint bl-ispejjez f' kull istanza ghaliex l-Awtorita` ma ghandhiex id-dritt ta' Appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell fuq approvazzjoni ta' *change of use.*

3. *Change of Use* Limitat.

Illi l-esponent jinstab jipprezenta **Dokument "MF 2"** li juri pjanti fejn jidher car illi l-izvilupp kien approvat (PA 3726/05 approvat 10-03-06) fejn ir-*roof plan* approvata turi illi anke parti sostanzjali kienet diga` approvata inkwantu l-uzu permess bhala uzu abitabbli, ghaliex zewgt ikmamar kienu diga` approvati bhala *bedrooms* u ghalhekk l-Awtorita` stess kienet diga` ppronuncjat ruhha u approvat *ic-change in use*, l-erbat ikmamar bhala *washrooms* li issa l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar approva *c-change of use* u dik il-parti fuq il-pjanta l-kulur ahdar li inghata l-permess li jsaqqaf.

Illi meta wiehed jara din il-pjanta jirrealizza illi anke c-*change of use* huwa limitat ghaliex ben zewgt ikmamar minn sitta li gew approvati fuq il-bejt huma diga` approvati

mill-Awtorita` ghall-uzu abittabbli u ghalhekk il-Bord tal-Appell fid-decide tieghu approva *change or use* biss ta' erba' *washrooms* u kuritur. Illi anke fuq dan il-punt l-appell huwa ingustifikat, u li linja ma diversi pronincjamenti ta' din l-Onorabbli Qorti l-Awtorita`, ma tistax ma tidholx fid-dettal meta jkunu inghataw permessi simili lill-terzi, meta jkun hemm ragunijiet ghall-derogi u konstatazzjonijiet ohra li jidher li f' dan il-kaz mhux qed jigi osservat i jintalab Appell *oltre* minn infondat u gustifikat.

4. Decizjonijiet Precedenti u identici.

Illi l-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar fid-decide tieghu ma kellu lanqas il-bzonn jew htiega illi jistrieh fuq decizjonijiet precedenti ghaliex il-posizzjoni kienet proprju illi dawk il-kazijiet kienu inghataw mertu u konsiderazzjoni mill-Bord tal-Appell precedenti li awtorizza l-hrug tal-permess PA 3726/05 u ghalhekk dan l-Appell huwa insostenibbli fi stadju fejn dak li minnu jinstab jsir appell ilu li gie deciz u accettat.

Illi l-esponent ihoss il-htiega illi jikkonfronta lil din l-Onorabbli Qorti b'sensiela ta' sentenzi fosthom is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Civili Superjuri) Referenza 220/2000 tas-19 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet **Michael Gatt vs l-Awtorita` tal-Ippjanar** fejn f'appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar.

*"il-Qorti tal-Appell tista' tirrevedi u tissindika biss id-decizjonijiet tal-Bord li jkunu jinvolvu punt ta' dritt li jkun gie deciz mill-Bord. Dan ifisser li l-Ligi ma taghti l-ebda dritt ta' appell minn decizjonijiet tal-Bord dwar kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi u* ***fuq kwistjoni tal-Ippjanar li jkunu jinvolvu semplicement aspetti teknici****. Lanqas ma hemm dritt ta' appell fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew decizi appellata tal-Bord."*

Illi fil-kaz in ezami huwa ben kjar illi l-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar iddecieda fuq aspett tekniku, (*change of use* limitat ghaliex ma kienx qed jintalab aktar zvilupp minn dak precedentement approvat mill-Awtorita`) u huwa aktar

car illi l-appell ma jistax jsir fuq punti li ma gewx decizi f'decizjoni appellata, ghaliex huwa car li l-Bord ma semma' u ddecidiex fuq ebda aggravji fosthom l-eccezzjoni tal-*commitment* li fuqu gie bbazat l-Appell ... Jinstab jigi esebit **Dokument "MF 3"** li hija kopja tas-sentenza hawn fuq citata.

Illi jinstabu jigu pprezentanti diversi sentenzi li gew migjuba a konjizzjoni tal-Bord tal-Appell fin-nota tal-Perit tal-Applikant li qed tigi wkoll anness bhala **Dokument "MF 4" fejn gew elenkati sbatax (17)-il sentenza kollha approvati mill-Bord, sentenzi li ma jistghux jigu skartati u kienu in linja ma' dak li kien diga` approva l-bord tal-appell f' istanza precedenti fejn l-Izvilupp prezenti kien accettat mill-istess Awtorita`.** Illi l-esponent jinstab jipprezenta mar-risposta tieghu Dokument "MF 5" sa "MF 21" li huma kopji tas-sentenza citati fin-Nota tal-Perit tal-esponenti.

Illi sahansitra **Dokument "MF 5"** li hija decizjoni moghtija fl-14 ta' Lulju 2006 tal-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar diversament kompost, fl-ismijiet Melvin Pulis vs l-Awtorita` tal-Ippjanar, il-posizzjoni hija identika ghall-applikazzjoni prezenti, cioe` l-applikazzjoni PA 2125/06 approvata mill-Bord tal-Appell fil-15 ta' Gunju 2007. F' dan il-kaz propjru gie milqugh *change of use* ta' *washrooms* ghall-*penthouse*. Illi dan l-Appell certament m' ghandux jigi akkolt ghaliex ikun ifisser l-akkoljiment ta' ripensament tal-posizzjoni diga' approvata mill-awtorita`. Wisq anqas ghandu jinghata trattament differenti minn permessi ohra approvati.

Illi mis-sentenza kollha approvati l-enfasi dejjem kienet fuq l-*visual impact* tal-bini u l-*hieght limitaiton*. Dawn apparti li diga` gew deciz u approvati mill-awtorita` ma jirrizultawx siti ohra fl-inhawi u l-Bord tal-Appell strah totalment fuq dak li gie approvat. Fil-konsiderazzjoni tieghu jghid;

**"L-Appellant mhux qed jitlob aktar zvilupp minn dak approvat bil-permessi precedenti fuq l-istess sit, ghal dak li hu gholi, izda semplicement bdil fl-uzu tal-*washrooms* approvati ghall-uzu residenzjali".**

Illi kuntrarjament ghal dak li qed tissottometti fl-Appell taghha l-Awtorita` tal-Ippjanar, kieku l-Bord tal-Appell ittenta jitratta dawn il-punti kien qed jagixxi *ultra vires* ghaliex kien qed jidhol jitratta punti ta' dritt li kienu diga` precedentement approvati u decizi mill-istess Awtorita` fi stadju precedenti. Ghalhekk l-aggrvju li l-Bord seta' agixxa *ultra vires* huwa insostenibbli u ghandu jigu respint.

5. Pjan ta' Struttra.

Illi kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellanti fl-Appell odjern ma jirrizulta minn ebda parti tad-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-Ippjanar illi l-Bord ittenta jew jiddipartixxi mill-provedimenti tal-Pjan ta' Struttura u l-Pjan Lokali ghaliex proprju dawn il-kriterji kienu gew precedentement decizi u approvati.

Illi l-aggravju citata mill-appellanti jinsisti dwar il-fatt illi "l-izvilupp propost ma setax jigi approvat", izda huwa proprju dan li ghandu jigi apprezzat illi zvilupp ulterjuri mhux ser isir u dan il-punt gie apprezzat mill-Bord tal-Appell li allura approva l-permess gustament.

Ghaldaqstant *in vista* tal-premess, l-esponenti fil-waqt li jgibu a premess is-suespost, jitolbu umilment illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrespingi u tirrifjuta l-appell tal-appellanti l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u tikkonferma fl-*intier* taghha d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tal-15 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet premessi bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-appellanti.

Rat id-dokumenti esebiti mar-risposta tal-Appell ta' Marco Farrugia a fol.22 sa fol.118 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Frar 2008 u tal-21 ta' Mejju 2008 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Matthew Brincat ghall-appellanti u Dr. Claire Stafrace Zammit ghall-appellat. Dr. Claire Stafrace Zammit obbligat ruhha tesebixxi kopja tal-*Policy 10.6B mid-Development Control Policy and Design Guidance 2005* u dan permezz ta' nota

fi zmien tletin (30) gurnata minn dan il-verbal. Dr. Brincat pprezenta nota b'dokument *seduta stante*. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghall-10 ta' Dicembru 2008.

Rat in-nota tal-appellanti datata 24 ta' Gunju 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz ta' l-applikazzjoni numru PA 2125/06 Marco Farrugia applika biex fuq is-sit Sacro Cuor fi Triq Danny Cremona, Hamrun, jaghmel is-segwenti: *"demolition of existing bulding and re-construction of basement garage, ground floor office/garage, 2 flats at 1$^{st}$ floor, second floor and third floor and comstruction of penthouse".*

Illi l-appell odjern sar mill-Awtorita' appellanti li sostniet li ma osservax id-disposizzjonijiet ta' **l-artikolu 33 tal-Kap. 356** u ma applikax il-Pjan Lokali li ghandu japplika b'mod mandatorju skond l-istess artikolu dwar *height limitation* u minflok ghamel il-valutazzjoni tieghu fuq xi forma ta' *commitment,* meta llum dan ma ghandux japplika proprja minhabba l-istess Pjan Lokali. Illi b'hekk f'dan l-appell l-istess Awtorita' appellanti qed tghid li l-Bord applika l-ligi u l-*policies* zbaljati.

Illi din il-Qorti thoss li dwar jekk dan il-punt jammontax ghall-punt ta' dritt appellabbli quddiem din il-Qorti skond l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** ma' jidhirx li hemm kwistjoni u dan peress li l-allegazzjoni li Bord ma applikax il-ligi u applika l-*policies zbaljati* huwa kkunsidrat bhala punt ta' dritt li ghalih hemm appell quddiem din il-Qorti u dan gie ikkonfermat f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti nkluz dawk decizi ricentement fil-kawzi fl-ismijiet **"Steve Micallef vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 10 ta' Ottubru 2006) u **"Rosanne Navarro vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u –Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 10 ta' Ottubru 2006).

Illi fil-fatt dwar dan il-punt hawn imsemmi u cjoe' l-allegazzjoni li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar agixxa ghalhekk *ultra vires* u specifikatament il-mod kif l-Awtorita' appellanti b'mod identiku ghall-diversi appelli ohra maghmula minnha resqet dan l-appell din il-Qorti tirreferi ghall-dak li inghad fis-sentenzi **"Mathew Vella vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Marzu 2006) u ghad-decizjoni **"Gozo Consilidated Building Contractors Limited vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 26 ta' Mejju 2005) fejn inghad li meta jkun qed jigi allegat li l-istess Awtorita' marret *ultra vires* u dan allura anke fil-kaz fejn qed jigi allegat li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma' mexxiex skond id-disposizzjonijiet ta' **l-artikoli 15 (12) u 33 (1) tal-Kap 356** dan fil-fatt jammonta ghall-punt ta' dritt li huwa appellabli quddiem din il-Qorti.

Illi barra minn dan hemm diversi sentenzi li trattaw dan il-punt, fosthom ukoll is-sentenza **"Charles Demicoli vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 27 ta' Jannar 2003 fejn gie ritenut li:-

*"L-artikolu 15 (2) ta' l-Att I ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, jipprovdi li:-*

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell".*

*"Illi johrog car minn ezami akkurat ta' din id-dispozizzjoni li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord imsemmi hija wahda ristretta ferm. Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dana jfisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi disposizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici enuncjazzjoni ta' xi disposizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun*

*ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata"*.

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemm l-ebda dubju li l-appell interpost mill-appellanti huwa punt ta' dritt u dan ghaliex li l-istess Awtorita' appellanti qed tghid li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma' mexxiex mal-ligi li huwa stess tenut li josserva u allura ma' applikax id-disposizzjonijiet ta' l-**artikoli 15 (12)** u l-**arktikolu 33 (1) tal-Kap 356** minnu citati u fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan jammonta ghall-punt ta' dritt appellabbli quddiem din Qorti u hawn il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza **"Andrew Mangion vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 27 ta' Ottubru 2003) fejn inghad ukoll li:-

*"Ovvjament hawn l-appellanti qed jghid car u tond li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar aggixxa ultra vires u hawn il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet* ***"Salvu Sciberras vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"*** *(A.I.C. (RCP) 24 ta' Marzu 2003) u* ***"Anthony Cuschieri vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"*** *(App. Nru. 89/00 - deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2001) fejn intqal illi galadarba l-allegazzjoni kienet illi l-Bord agixxa ultra vires, allura din il-Qorti kellha u ghandha l-obbligu li tara jekk l-appell hux ammissibbli u jekk jirrizulta hekk, allura, din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-meritu. Intqal ukoll minn l-istess Qorti ta' l-Appell, fl-imsemmija sentenza hawn appena citata illi:-*

*"Din il-Qorti jidhrilha li l-kelma "appell" kif uzata fl-artikolu 15 (2) ta' l-imsemmi Att ta' l-1992 ghandha sinifikat bizzejjed wiesgha li jista' jinkludi wkoll investigazzjoni dwar aggravju ta' "ultra vires".*

*"Illi l-appellant ressaq konstatazzjoni ohra cioe' li, fil-fehma tieghu, din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tiddeciedi dwar l-aggravju ta' l-"ultra vires" billi l-kwistjoni ma tkunx giet trattata u deciza fid-decizjoni appellata. Dana billi din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni taghha limitata esklussivament ghall-appelli li jinvolvu "biss punti ta' ligi*

*decizi mill-Bord. L-appellat accenna ghall-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti fejn dejjem gie ritenut li din il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza li tiddeciedi appell fuq punt ta' ligi meta dan il-punt ma jkunx gie trattat u deciz fid-decizjoni appellata".*

Illi ghal dak li huwa l-mertu tal-appell odjern, kif diga inghad, jidher car mir-rikors ta' l-appell li l-Awtorita' appellanti qeghda tallega li l-Bord ta' l-Appell agixxa *ultra vires* peress illi hu m'ghandux is-setgha li jiddeciedi li jiddipartixxi mill-Pjan Lokali ghaz-zona fejn jinsab is-sit in kwistjoni u dan fir-rigward ta' *maximum height limitation* u wkoll fejn qed jigi allegat li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar injora ghall-kollox il-*policies* kollha applikabbli ghall-kaz in kwistjoni. Hija sostniet li l-applikazzjoni kongunta tal-**artikoli 15 (12) u 33 (1)** jimponu obbligu tassattiv fuq il-Bord – ghax insibu l-kelma *"shall"* – illi japplika tali Pjan Lokali ghaz-zona fejn ikun sitwat l-izvilupp propost b'mod mandatorju, u l-istess Bord ma' kellu ebda setgha li jinjora l-istess skemi u *policies.*

Illi sabiex isir tali ezami wiehed necessarjament irid jezamina l-gurisdizzjoni tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar skond l-**artikolu 15 ta' l-Att I tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp.** Di fatti is-**sub-artikolu (1)** ta' dan l-artikolu jghid illi l-Bord ta' Appell ikollu gurisdizzjoni li:-

*(a) "jisma' u jiddeciedi appelli maghmula minn min ihossu aggravat hlief ghal terzi persuni interessati b'decizjoni ta' l-Awtorita` dwar kull haga ta' kontroll ta' l-izvilupp, inkluz it-twettieq ta' dak il-kontroll;*

*(b) jezercita dawk il-funzjonijiet moghtija lilu skond l-artikolu 27(2) (j) u ta' l-artikolu 29A(4), ta' l-artikolu 29B(4), ta' l-artikolu 29C (4) u (5) u l-artikolu 31(3);*

*(c) jisma' u jiddeciedi appelli maghmula skond l-artikolu 39A(3), l-artikolu 40(4), l-artikolu 46(9), l-artikolu 48(4), l-artikolu 55B(3), l-artikolu 58(1) u l-artikolu 61(7);*

*(d) li jisma' u jiddeciedi appelli interposti minn terzi persuni interessati minn decizjoni ta' l-Awtorita` dwar kull haga ta' kontroll ta' l-izvilupp, b'dan illi:-*

*(i) dak l-appell jista' jsir biss minn terza persuna interessata li tkun ghamlet xi kummenti bil-miktub skond l-artikolu 32(5) meta tigi ppubblikata l-applikazzjoni ghall-eghmil ta' zvilupp,*

*(ii) ma ghandu jkun hemm ebda appell minn terza persuna interessata minn decizjonijiet dwar kontroll ta' zvilupp dwar xi zvilupp li jkun specifikament awtorizzat fi pjan ta' zvilupp,*

*(iii) kunsill lokali li fil-lokalita tieghu jkun qed jigi propost li jsir l-izvilupp ghandu dejjem jitqies ghall-fini u ghall-effetti kollha tal-ligi li huwa terza persuna interessata basta li dak il-kunsill ikun ghamel sottomissjonijiet bil-miktub skond l-artikolu 32(5) u li jagixxi fl-interess tal-lokalita,*

*(iv) terza persuna interessata ghandha tissottometti argumenti gustifikati b'ragunijiet ibbazati fuq konsiderazzjonijiet ta' ppjanar sabiex tiggustifika l-appell taghha".*

Illi huwa opportun hawnhekk li ssir referenza ghas-sentenza **"Joe Cortis vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. 27 ta' Frar 1996) fejn il-Qorti qalet:-

Illi l-**artikolu 15 (12) tal-Kap. 356** jipprovdi s-segwenti :-

*"Il-Bord ta' l-Appell, jekk jiddeciedi li jaghti permess ghal zvilupp, jista' jimponi penali, hlas ta' drittijiet u kontribuzzjonijiet u kundizzjonijiet ohra, li l-Awtorita' tista' timponi fil-hrug ta' permess ghal zvilupp; u l-Bord ghandu jizgura li josserva d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 33 (1) u (2)** meta jirrevedi decizjoni ta' l-Awtorita'."*

Illi l-**artikolu 33 (1) u (2) tal-Kap.356** jipprovdu :-

*"33 (1) Biex l-Awtorita' tiddeciedi dwar applikazzjoni li ssirilha –*

*(a) ghandha tapplika dan li gej :*

*(i) il-pjanijiet ta' zvilupp, inkluz il-limitazzjonijiet dwar gholi kif murija fl-Iskemi dwar Provvedimenti Temporanji jew fil-pjani lokali, sakemm dik il-limitazzjoni ma tkunx tista' tinbidel billi tigi applikata policy ta' ppjanar li jkollha x'taqsam specifikatament ma' l-gholi massimu ta' bini li jista' jigi permess f'sit, liema policy ghandha tiehu in konsiderazzjoni kemm is-site coverage kif ukoll il-volum tal-bini li jista' jkun permess f'sit,*

*(ii) il-policies ta' ppjanar:*

*izda l-pjanijiet sussidjarji u l-policies ta' ppjanar m'ghandhomx ikunu applikati retroattivament b'mod li jkunu jolqtu b'mod kuntrarju drittijiet akkwiziti li jirrizultaw minn permess ta' zvilupp validu; u*

*(b) ghandha tqis –*

*(i) kull haga ohra ta' sustanza, komprizi konsiderazzjonijiet estetici u sanitarji li l-Awtorita' tista' tikkunsidra relevanti;*

*(ii) is-sottomissjonijiet li jsiru b'risposta ghall-pubblikazzjoni tal-proposta ta' zvilupp.*

*(2) L-Awtorita' jkollha s-setgha li taghti jew li tirrifjuta permess ghall-izvilupp,u fl-gholi ta' dak il-permess l-Awtorita' jkollha jedd timponi kull kondizzjoni li jidhrilha xierqa:*

*Izda mar-rifjut jew ma' l-imposizzjoni ta' kundizzjonijiet partikolari, l-Awtorita' jew il-Kummissjoni, skond kif ikun il-kaz, ghandhom jaghtu ragunijiet specifici bazijiet fuq pjanijiet ta' zvilupp u policies ta' ppjanar ezistenti ghal dak ir-rifjut jew ghal xi kondizzjonijiet partikolari li jkunu gew imposti."*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-appellat kien applika ghal bini sabiex fuq is-sit Sacro Cuor fi Triq Danny Cremona, Hamrun, jaghmel is-segwenti: *"demolition of existing bulding and re-construction of basement garage, ground floor office/garage, 2 flats at 1st floor, second floor and third floor and comstruction of penthouse".* Jirrizulta li fuq l-istess sit kien gja inhareg permess ghall-zvilupp ta' l-istess gholi skond kif jidher minn PA. 3726/05 skond decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz "Marco Farrugia vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" (PAB 345/05/RR) deciz fl-10 ta' Marzu 2006, u din id-decizjoni kienet inghatat wara li l-istess Bord fl-istess decizjoni kien sab li f'dik iz-zona kien hemm *commitment* ta' erba' sulari. Minn dik id-decizjoni ma' kien hemm ebda appell, u l-applikazzjoni odjerna hija ghalhekk limitata biss sabiex l-ahhar sular li kellu permess ta' *washrooms* jigi mibdul ghall-uzu bhala *penthouse.*

Illi fil-fatt l-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni moghtija minnu mertu ta' dan l-appell sostna s-segwenti:-

*"Illi fil-kaz in ezami l-appellant qed jitlob illi jinghata permess ghall-bini ta' penthouse fuq ir-raba' sular, liema sular kien inghata permess ghalih precedentement, anke jekk il-height limitation hija ta' 3 floors. Pero' dak huwa issa kaz maghluq u deciz illi dan il-Bord mhux ser jerga' jissindika".*

*'Ikkunsidra ulterjorment:*

*"L-appellant bl-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell mhux qed jitlob li jibni sular addizzjonali, izda li dak ga approvat li jinbidel l-uzu ta' washrooms ghal wiehed residenzjali".*

*'Kif ga kellu l-opportunita' jaghmel f'decizjonijiet ohra dan il-Bord din hi precizazzjoni rilevanti u mportanti billi l-motivazzjoni ghar-rifjut tirreferi ghall-kostruzzjoni ta' sular, oggezzjonabbli billi jeccedi l-height limitation tal-area in kwistjoni. Dan pero' ma jirrizultax".*

*"L-appellant mhux qed jitlob aktar zvilupp minn dak approvat bil-permessi precedenti fuq l-istess sit, ghal dak li hu gholi, izda sempliciment bdil fl-uzu tal-washrooms approvati ghall-uzu residenzjali".*

*"Billi l-proposta ma titlobx aktar zvilupp materjali minn dak approvat, il-Bord propens illi jhares lejn l-applikazzjoni favorevolment".*

Illi minn dan jidher car li ma kien hemm l-ebda kwistjoni dwar punt ta' ligi u lanqas dwar l-applikazzjoni ta' *commitment o meno*, u dan ghaliex l-gholi tal-istess bini kien ser jibqa' l-istess kif diga' approvat mill-Awtorita' stess, skond decizjoni precedenti tal-Bord li ma gietx kontestata mill-Awtorita' appellanti, u kienet fil-fatt dik id-decizjoni li ddecidiet il-*commitment* ta' l-*area* in kwistjoni ghal dik ta' gholi ta' erba' sulari.

Illi dan il-kaz fil-fatt kien jittratta dwar bdil ta' uzu ta' *washrooms* fl-ahhar sular ghall-uzu ghall-skop residenzjali bhala *penthouses,* u dwar dan ma kien hemm ebda punt ta' dritt involut, u kien hemm biss konsiderazzjonijiet ta' fatt, li huma fil-kompetenza esklussiva tal-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi dan ifisser li f'din id-decizjoni ma hemm xejn dwar l-aplikabbilta' *o meno* tal-artikoli citati mill-istess Awtorita' appellanti fl-appell taghha odjern u ghalhekk jirrizulta li effettivament ma hemm fl-istess decizjoni tal-Bord l-ebda punt ta' dritt li jaghti lill-Awtorita' appellanti dritt ghall-appell quddiem din il-Qorti u hawn issir ssir riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **"Joseph Bezzina vs Kummissarju ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Gunju 2001 fejn inghad li:-

*"Huwa evidenti li dan l-aggravju baziku ta' appellant ma jista' qatt jinkwadra ruhu fil-parametri strettissimi mposti mill-ligi fil-frazi "punti ta' ligi decizi mill-Bord", liema frazi tistabbilixxi b'mod definit il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti ta' l-imsemmi Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp."*

Illi d-decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Carmel Camilleri vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 12 ta' Jannar 2004); **"Salvu Schembru nomine vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 21 ta' Jannar 2004); **"Mario Vella vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A..I.C. (RCP) 26 ta' Jannar 2004); **"Coronato Portelli vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A..I.C. (RCP) 26 ta' Mejju 2004); u **"Anthony Demajo nomine vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A..I.C. (RCP) 27 ta' April 2004 kollha kkonfermaw dan il-principju.

Illi ghar-ragunijiet fuq esposti l-appell maghmul mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qed jigi michud.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 17 ta' Lulju 2007 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li **tichad l-appell tal-Awtorita' appellanti skond ir-rikors tal-appell taghha datat 2 ta' Lulju 2007** u dan ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet **"Marco Farrugia vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 15 ta' Gunju 2007.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita' appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------